MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 318/2010

**Auto Sales Limited**
**C-391**

**vs**

**Maria Tiziana Balabanov Mizzi u Asparuh Balabanov**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ammont ta' erbat elef, disa' mija u ghoxrin Ewro (€4,920.00), liema ammont gie ridott ghas-somma ta' tlett elef, erba' mija erbgha u disghin Ewro (€3,494.00) in forza ta' digriet moghti fit-18 ta' Marzu, 2010, rapprezentanti l-ammont dovut skond kambjali ffirmati u skaduti.

B'riserva ghal proceduri ulterjuri in konnessjoni ma' ammont ulterjuri dovut mill-konvenuti.

Bl-imghax u bl-ispejjez. Il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal konvenuta Maria Tiziana Balabanov Mizzi, li permezz taghha eccepiet illi ma tahti xejn ghall-pretensjonijiet avvanzati mis-Socjeta' attrici stante li huwa l-konvenut l-iehor li ghandu jinsab responsabbli ghal tali pretensjonijiet, jekk jirrizultaw.

Bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici ingunta in subizzjoni, inkluz dawk ta' risposta ghal ittra ufficjali prezentata qabel l-atti odjerni.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra illi l-konvenut Asparuh Balabanov kien prezenti waqt l-udjenza tat-23 ta' April, 2010, u f'din is-seduta ammetta t-talba tas-Socjeta' attrici ghall-hlas tas-somma msemmija.

Illi fid-dawl ta' tali ammissjoni mill-konvenut, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma mitluba in forza tal-azzjoni odjerna.

Illi in rigward il-konvenuta Maria Tiziana Balabanov Mizzi, ghalkemm ikkontestat l-azzjoni migjuba kontriha, hi naqset milli tressaq provi in sostenn ta' tali eccezzjonijiet, u lanqas ma jirrizulta mill-atti processwali illi giet proposta minnha xi azzjoni sabiex il-kambjali mertu ta' din il-kawza jigu dikjarati nulli.

Illi gialadarba l-azzjoni proposta hija dik kambjarja, u tali kambjali – li gew ipprezentati u jinsabu in atti *a fol* 15 *et seq*. – gew accettati u ffirmati miz-zewg konvenuti, u dawn il-kambjali mmaturaw.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u ppruvata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-Socjeta' attrici

s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija erbgha u disghin Ewro (€3,494.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------